MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 1285/2007

**Salv Bezzina & Sons Limited (C350)**

**vs**

**Paul Borg (ID363226M)**

**Il-Qorti**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrent issottometta:

Illi r-rikorrent Paul Borg kontestwalment ipprezenta quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili rikors fl-ismijiet premessi ghar-ritrattazzjoni (a bazi tal-Artiklu 811(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) tal-kawza deciza minn din l-Onorabbli Qorti b'sentenza tas-17 ta' Ottubru 2007 fl-

ismijiet ‘Salv Bezzina & Sons Limited (C350) vs Paul Borg’ (Rikors. Nru. 520/07CFS).

Illi bl-imsemmija sentenza tas-17 ta’ Ottubru 2007 fl-ismijiet ‘Salv Bezzina & Sons Limited (C350) vs Paul Borg’ (Rikors. Nru. 520/07CFS Paul Borg gie kkundannat ihallas lis-socjeta’ Salv Bezzina & Sons Limited is-somma ta’ Lm9,303.30 bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi Paul Borg jixtieq li sakemm tigi deciza l-imsemmija kawza ta’ ritrattazzjoni pprezentata kontestwalment ma’ dan ir-rikors l-esekuzzjoni tas-sentenza msemmija tas-17 ta’ Ottubru 2007 fl-ismijiet ‘Salv Bezzina & Sons Limited (C350) vs Paul Borg’ (Rikors. Nru. 520/07CFS) tigi mwaqfa premess illi Paul Borg qieghed jipproduci l-garanzija rikjesta mill-Artiklu 823(2)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta (Dok. A).

Illi l-esekuzzjoni tas-sentenza, msemmija tikkaguna pregudizzju akbar lil Paul Borg milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni tkun tikkaguna lis-socjeta’ ritrattata stante illi f’kaz li l-esekuzzjoni ssehh Paul Borg jista’ jispicca jigi mgieghel ihallas inutilment filwaqt li s-socjeta’ ritrattata f’kaz li eventwalment jirrizulta li Paul Borg m’ghandux ragun) kull ma’ ssofri hu dewmien ragonevoli fl-esekuzzjoni tas-sentenza minnha mirbuha.

Tghid ghalhekk is-socjeta’ ritrattata in vista tal-premess ‘il ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tordna t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-17 ta’ Ottubru 2007 fl-ismijiet ‘Salv Bezzina & Sons Limited (C350) vs Paul Borg’ (Rikors. Nru. 520/07CFS) sakemm jigi deciz ir-rikors ta’ ritrattazzjoni msemmija u pprezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ ritrattatta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-**risposta tas-socjeta’ ntimata** a fol. 11 tal-process fejn eccepiet:

1) Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu stante illi:

a) Illi preliminarjament l-attur naqas milli jaghti garanzija skond kif jitlob l-Artiklu 823(2)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiiet ta’ Malta.

b) Illi l-attur irid jipprova illi ottempera ruhu mad-dispozizzjonijiet tal-ligi, inkuz dawk fl-Artiku 823(2)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) Illi mhuwiex minnu illi s-sentenza moghtija fil-kawza Salv Bezzina & Sons Limited (C350) vs Paul Borg Rikors Numru 520/07CFS fis-17 ta’ Ottubru 2007 ittiehdet bla ma gie notifikat ir-ritrattand Paul Borg.

d) Illi mhuwiex minnu illi jekk tigi esegwita s-sentenza l-attur ser isofri pregudizzju akbar milli t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza tikkaguna lis-socjeta’ ntimata esponenti,

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tal-11 ta’ April, 2008 fejn il-Qorti taghat lir-rikorrent tlett gimghat zmien biex jipprezenta garanzija a tenur tal-Art. 823 (2)(a) tal-Kap 12;

Peress li r-rikorrent naqas li jipprezenta l-garanzija, tichad it-talba.

Spejjez ghar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------